# IL-MEWTA T-TAJBA



Patri O'Hare, Missjunarju fl-Afrika t'Isfel, jirrakkonta l-istorja li gejja:

“Matul il-missjoni tieghi ta’ tnax-il sena fl-Afrika, kelli responsabilita’ ta’ territorju kbir daqs l-Ingilterra kollha. Minn zmien ghal zmien kont naghmel zjarat lil insara mxerrda tieghi. F’wahda minn dawn iz-zjarat tlift triqti u ma kellix idea fejn kont u anqas fejn kont sejjer.

L-ebda tracca ta’ bniedem ma setghet tidher. Kien fl-istagun xott u l-ponijiet tieghi bil-ghatx ma tantx setghu jigbdu l-karrettun
tieghi. Eventwalment wasalt f’wied mhux maghruf li fih kien jinsab ir- razzett ta’ Boer Afrikaner. L-art kienet mahruqa bis-shana tax-xemx, imma rajt ghadira hdejn id-dar. Ipprezentajt lili nnifsi lill-bidwi, ghedtlu l-istorja tieghi u tlabtu permess biex z-zwiemel tieghi jkunu jistghu jixorbu. Hu accetta.

Imbaghad ghedtlu li jien kont Qassis Kattoliku. Innutajt li kien Kalvinista. "Oh," qalli, "x'xorti dik - ghax, fuq wara tad-dar hemm haddiem; hu Kattoliku. Forsi tista' tmur tarah.'

Mort hemm u sibt ragel miskin bil-mewt miktuba fuq rasu. Meta ghedtlu li jien kont il-Qassis Kattoliku mid-Distrett ta' Oudtshoorn, 150 mil boghod, ir-ragel pallidu u bla sahha qam mis-sodda tieghu u ghajjat b'emozzjoni b'ton ta' ringrazzjament genwin: 'Oh, San Guzepp! Kont naf li inti tibghatli Qassis qabel mewti, li jghinni fl-ahhar siegha tieghi'.

Staqsejtu b'mod kurjuz: " X'inhija din ta' San Guzepp?"

Imbaghad ir-ragel moribond qalli l-istorja li gejja: "Meta kont ghadni tifel id-dar, ommi mara tajba u pija ghallmitni nghid kuljum, ' O, San Guzepp ikseb ghalija l-grazzja ta' mewta hienja. ' Minn dak il-jum 'l quddiem, qatt ma hallejt barra dik it-talba anqas ghal gurnata wahda. Jien ghamilt l-ewwel

Tqarbina tieghi meta kelli ghaxar snin, kont abbati sal-gheluq il-hmistax-il sena u dhalt fl-armata meta kelli wiehed u ghoxrin sena. Il-gwerra Zulu wasslitni l-Afrika. Qabel ma tlaqt mill-Irlanda mort nzur lill-fqajra ommi, liebes ta' suldat. Qabel infridna qaltli: ' Tinsiex it-talba ckejkna lil San Guzepp.'

"Il-gwerra Zulu spiccat u s-servizz tieghi skada; tawni d-*discharge*, pero' bqajt fil-Kolonja. L-eqreb Qassis tieghi kien jghix f'Capetown, 500 mil boghod. Wara xi zmien gejt ghand dan il-bidwi Olandiz u ilni hawn ghal snin shah. Ftit ilu, smajt li qassis kien f'Oudtshoorn, 150 mil boghod u ghalkemm marid, mort hemm biex nerga' nersaq lejn is-Sagramenti, tal-Qrar u Tqarbin." Meta wasalt fil-prespiberjat, qaluli li digà tlaqt fuq il-missjoni tieghek. Il-bierah wasalt lura hawn, marid ghall-mewt u issa tara, illum San Guzepp jibghatli qassis!'

Bqajt lejl mieghu, ippreparajtu, smajt il-Qrar tieghu u l-ghada filghodu tajtu l-Vjatku Mqaddes

u ftit wara amministrajtlu l-Grizma tal-Morda u tatu l-ahhar barka.

Ftit wara miet u l-ahhar talba li nizlet minn xufftejh kienet: ' San Guzepp, ikseb ghalija l-grazzja ta' mewta hienja! ”

NITOLBUH AHNA UKOLL DIN IL-GRAZZJA LI FL-AHHAR SIEGHA TA’ HAJJITNA NAGHMLU MEWTA TAJBA.